# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 275/01**

**Numru 33**

**Borg Cardona & Co Ltd**

**vs**

**Super Master Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm619.18 (sitt mija u dsatax il-lira maltin u tmintax il-centezmu) rappresentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija konsistenti f'affarijiet relatati mat-trobbija tal-annimali lill-konvenut mibjugh u kkonsenjati.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-mandat ta' qbid numru 789/01CX presentata mal-avviz u bl-imghax legali mit-13 ta' Gunju 2000 data ta' l-ahhar konsenja kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-12 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm619.18,0 bl-imghax legali mit-13 ta' Gunju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta' qbid kawtellatorju numru 789/01 msemmi fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg